IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.7.2024
COM(2024) 931 final

2024/0185 (BUD)

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 4
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2024

Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti f'xi aġenziji deċentralizzati

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, kif adottat fit-22 ta' Novembru 2023[3],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2024[4], adottat fil-25 ta' April 2024,

– il-baġit emendatorju Nru 2/2024[5], adottat fil-25 ta' April 2024,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2024[6], adottat fil-9 ta' April 2024,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-baġit tal-2024.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima Individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

2 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018.

3 ĠU L, 2024/207, 22.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget/2024/207/oj.

4 ĠU L, 2024/1430, 5.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget_suppl_amend/2024/1430/oj.

5 ĠU L, 2024/1509, 18.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget_suppl_amend/2024/1509/oj.

6 COM(2024) 920, 9.4.2024.

Werrej

1. INTRODUZZJONI 3

2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL 4

2.1 IMPATT ĠENERALI TAL-ABE 4/2024 FUQ ID-DISTRIBUZZJONI TAL-PAGAMENTI TOTALI TAR-RIŻORSI PROPRJI BEJN L-ISTATI MEMBRI 4
2.2 REVIŻJONI TAT-TBASSIR TAL-BAŻIJIET TAL-RPT, TAL-VAT, TAL-PPW U TAL-ING 5
2.3 KONTRIBUZZJONI TAR-RENJU UNIT 7
2.4 MULTI U PAGAMENTI TA' PENALI 9
2.5 IMPATT FUQ IL-KONTRIBUZZJONI GĦAR-RIŻORSA PROPRJA BBAŻATA FUQ L-ING GĦALL-2024 9

3. AĠĠORNAMENT TA' ELEMENTI TAN-NEFQA 12

3.1 RINFORZ TAL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAĊ-ĊIBERSIGURTÀ (ENISA) 12
3.2 IT-TISĦIĦ TAL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI TAR-REGOLATURI TAL-ENERĠIJA (ACER) 12
3.3 TNAQQIS FIL-PERSUNAL U FIL-KONTRIBUZZJONI TAL-UE LILL-AWTORITÀ KONTRA L-ĦASIL TAL-FLUS (AMLA) 13
3.4 INTERNALIZZAZZJONI TA' KARIGI KRITIĊI SENSITTIVI FL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMM SPAZJALI (EUSPA) 13
3.5 ŻIEDA FIL-KONTRIBUZZJONI TAL-UE GĦALL-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-MEDIĊINI (EMA) 13
3.6 ŻIEDA FIL-KONTRIBUZZJONI TAL-UE LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI FIL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI (EUROJUST) 14
3.7 TISĦIĦ TAL-KONTRIBUZZJONI TAL-UE GĦALL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAT-TMEXXIJA OPERATTIVA TAS-SISTEMI TAL-IT FUQ SKALA KBIRA FL-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA ("EU-LISA") 14

4. FINANZJAMENT 15

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 16

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-iskop ewlieni tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 4 għas-sena 2024 huwa li jaġġorna n-naħa tad-dħul tal-baġit biex jitqiesu l-aħħar żviluppi fir-rigward ta':

– it-tbassir aġġornat tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-2024 li ġie approvat mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) fit-23 ta' Mejju 2024. Dan l-aġġornament tipikament jiġi ppreżentat ftit wara l-laqgħa dwar it-tbassir tal-KKRP, f'konformità mal-aspettattivi tal-Istati Membri li l-aġġornamenti tal-KKRP jiġu bbaġitjati malajr kemm jista' jkun;

– l-aġġornament ta' dħul ieħor bħall-kontribuzzjoni tar-Renju Unit u multi.

Barra minn hekk, l-ABE 4/2024 jinkludi l-elementi speċifiċi li ġejjin relatati man-nefqa:

– tisħiħ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) fir-rigward tal-adozzjoni tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika li huwa propost li jiġi kkumpensat mill-Programm Ewropa Diġitali;

– tisħiħ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) fir-rigward tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva riveduta għar-regoli riveduti tad-disinn tas-suq tal-elettriku;

– tnaqqis ta' darba fil-persunal u l-kontribuzzjoni tal-UE lill-Awtorità Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) b'kont meħud tad-dewmien fit-twaqqif tagħha;

– tisħiħ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) biex jiġu internalizzati l-kompiti kritiċi tal-inġinerija;

– tisħiħ tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) wara l-approvazzjoni mill-awtorità baġitarja tal-fajl tal-bini li jirrigwarda l-uffiċċji preċedenti tal-EMA f'Londra;

– tisħiħ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) minħabba pressjoni inflazzjonarja qawwija;

– tisħiħ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) biex tipprovdi għal bidliet fil-mandat tal-aġenzija wara Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi ġodda jew riveduti. Dan għandu wkoll impatt fuq il-FRONTEX.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE 4/2024 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 12,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

2.1 Impatt ġenerali tal-ABE 4/2024 fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri

It-tbassir rivedut għall-2024 ġie miftiehem fil-191 laqgħa tal-KKRP fit-23 ta' Mejju 2024. L-aġġustamenti tan-naħa tad-dħul tal-baġit huma meħtieġa biex jiġu aġġornati l-istimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) kif ukoll għar-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Value Added Tax, VAT), l-Iskart mhux irriċiklat mill-Imballaġġ tal-Plastik (Plastic Packaging Waste, PPW) u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING), filwaqt li jitqies it-tbassir ekonomiku tar-Rebbiegħa (ara t-Taqsima 2.2).

Barra minn hekk, l-ammont ta' dħul ieħor huwa aġġornat biex iqis il-kontribuzzjoni riveduta tar-Renju Unit u l-multi u l-pagamenti ta' penali msarrfa definittivament sa Ġunju 2024 (ara t-Taqsimiet 2.3 u 2.4, rispettivament).

L-impatt globali tal-aġġustamenti tad-dħul ta' dan l-ABE jidher fit-tabella sommarja hawn taħt. Din it-tabella turi wkoll id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji fost l-Istati Membri kif ibbaġitjat fil-baġit inizjali tal-2024, kif inkluż fl-AB 1/2024, AB 2/2024, ABE 2/2024 u fl-aħħar nett kif inkluż f'dan l-ABE 4/2024.

Distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji skont l-Istati Membri (f'miljun EUR)

	Baġit 2024	**BE 1/2024**	**BE 2/2024**	**ABE 2/2024**	**ABE 4/2024**
	(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
BE	6 235.0	6 376.5	6 376.6	6 355,0	6 495,0
BG	867,5	890,6	890,6	887,1	856,6
CZ	2 670,4	2 747,6	2 747,7	2 735,9	2 564,8
DK	2 692,7	2 786,8	2 786,9	2 772,5	2 743,5
DE	30 152,4	31 185,0	31 185,9	31 028,2	31 522,1
EE	357,3	366,9	366,9	365,5	318,8
IE	3 329,8	3 430,4	3 430,5	3 415,1	3 314,6
EL	1 899,9	1 954,5	1 954,6	1 946,2	1 924,2
ES	12 632,3	12 980,8	12 981,1	12 927,9	13 200,1
FR	23 427,6	24 129,5	24 130,1	24 022,9	24 255,7
HR	597,5	615,6	615,7	612,9	681,9
IT	17 240,8	17 740,4	17 740,8	17 664,5	17 852,8
CY	232,7	239,3	239,3	238,3	252,5
LV	378,5	389,0	389,0	387,4	351,7
LT	684,9	702,7	702,7	700,0	632,6
LU	413,1	426,7	426,7	424,6	408,7
HU	1 870,0	1 919,6	1 919,7	1 912,1	1 840,8
MT	151,9	156,1	156,1	155,5	163,0
NL	8 391,8	8 635,6	8 635,8	8 598,6	8 630,8
AT	3 095,3	3 214,1	3 214,2	3 196,0	3 229,7
PL	7 215,9	7 400,2	7 400,4	7 372,3	7 183,4

PT	2 203,3	2 265,3	2 265,4	2 255,9	2 348,0
RO	2 716,6	2 798,0	2 798,1	2 785,7	2 803,8
SI	733,6	749,4	749,4	747,0	638,5
SK	990,5	1 020,4	1 020,5	1 015,9	994,5
FI	2 109,8	2 177,3	2 177,3	2 167,0	2 194,8
SE	3 208,0	3 344,3	3 344,4	3 323,6	3 627,3
UE	**136 499,2**	**140 642,8**	**140 646,4**	**140 013,7**	**141 030,1**

2.2 Reviżjoni tat-tbassir tal-bażijiet tal-RPT, tal-VAT, tal-PPW u tal-ING

F'konformità mal-Artikolu 44(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament Finanzjarju[7], il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-finanzjament tal-baġit abbażi ta' tbassir ekonomiku aktar reċenti. Skont il-prattika stabbilita, it-tbassir rivedut tad-dħul huwa miftiehem mal-Istati Membri fil-proċedura ta' tbassir tal-KKRP.

Ir-reviżjoni tikkonċerna t-tbassir tar-RPT li jrid jitħallas lill-baġit fl-2024 kif ukoll it-tbassir tal-bażijiet tal-VAT, PPW u tal-ING għall-2024. It-tbassir inkluż fil-baġit tal-2024 ġie miftiehem fil-188 laqgħa tal-KKRP li saret fil-25 ta' Mejju 2023. Ir-reviżjoni fl-ABE 4/2024 attwali tikkunsidra t-tbassir miftiehem fil-191 laqgħa tal-KKRP tat-23 ta' Mejju 2024. L-użu ta' tbassir aġġornat tar-riżorsi proprji jtejjeb il-preċiżjoni tat-tbassir tad-dħul u konsegwentement tal-pagamenti li l-Istati Membri huma mitluba jagħmlu għall-baġit tal-UE matul is-sena baġitarja.

Il-projezzjonijiet tad-dħul tal-Kummissjoni huma bbażati fuq it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2024[8] tal-Kummissjoni, li wera li l-ekonomija tal-UE fil-bidu tas-sena, wara perjodu twil ta' staġnar, bdiet tirkupra. Għalkemm ir-rata ta' tkabbir ta' 0,3 % stmata għall-ewwel trimestru tal-2024 għadha taħt il-potenzjal stmat, hija qabżet l-aspettattivi. L-attività fiż-żona tal-euro kibret bl-istess pass, u dan juri li r-reċessjoni ħafifa esperjenzata fit-tieni nofs tas-sena li għaddiet waslet fi tmiemha. Sadanittant, l-inflazzjoni fl-UE kompliet tonqos fl-ewwel trimestru.

It-tbassir tar-rebbiegħa jipprojetta tkabbir tal-PDG fl-2024 ta' 1,0 % fl-UE u 0,8 % fiż-żona tal-euro. Dan huwa kemxejn ogħla mit-tbassir interim tax-xitwa 2024 għall-UE, iżda ma nbidilx għaż-żona tal-euro. Aktar importanti, kważi l-Istati Membri kollha huma mistennija li jerġgħu lura għat-tkabbir fl-2024. It-tkabbir tal-PDG tal-UE huwa mbassar li jitjieb għal 1,6 % fl-2025, b'reviżjoni 'l isfel ta' 0,1 pps mix-xitwa 'l hemm. Fiż-żona tal-euro, it-tkabbir tal-PDG fl-2025 huwa pprojettat li jkun kemxejn aktar baxx, b'1,4 % - anke marġinalment rivedut 'l isfel.

Ir-riskji negattivi għall-prospettiva ekonomika li joriġinaw minn barra l-UE żdiedu f'dawn l-aħħar xhur fil-kuntest taż-żewġ gwerer li għaddejjin fil-viċinat tagħna u t-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu. Il-kummerċ globali u s-swieq tal-enerġija jidhru partikolarment vulnerabbli.

Ix-xenarju ekonomiku li fuqu huwa bbażat il-baġit tal-2024 huwa tradott fl-aħħar stimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali u l-bażijiet tar-riżorsi proprji l-oħra:

- Id-dazji doganali totali li għandhom jinġabru fl-2024, nett minn 25 % tal-kostijiet tal-ġbir, huma mbassra għal EUR 20 119,0 miljun, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 18,3 % meta mqabbel mat-tbassir ta' EUR 24 620,4 miljun inklużi fil-baġit tal-2024. Il-Kummissjoni qabblet ir-riżultati tal-metodu ta' previżjoni tradizzjonali tal-KKRP (ibbażat fuq ir-rati ta'

[7] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1-222).

[8] Il-Kummissjoni Ewropea, 2024, Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2024, Ekonomija Ewropea, Dokument Istituzzjonali 286.

tkabbir imbassra ta' importazzjonijiet barra l-UE) mar-riżultati tal-metodu ta' estrapolazzjoni (ibbażat fuq l-aħħar data tal-eżitu għad-dazji doganali miġbura, jiġifieri Jannar – April 2024). Bħal fis-snin li għaddew, il-Kummissjoni tieħu approċċ konservattiv li jiżgura ġestjoni finanzjarja soda tal-baġit tal-UE f'kuntest ta' inċertezzi ekonomiċi u finanzjarji. Barra minn hekk, matul is-sena jistgħu jseħħu rimborżi addizzjonali fuq pagamenti preċedenti tal-RPT relatati ma' każijiet speċjali. Għalhekk, intgħażel li tiġi applikata diviżjoni 1/3–2/3 dwar l-eżitu tal-metodi tradizzjonali u ta' estrapolazzjoni għar-reviżjoni tat-tbassir tar-RPT tal-2024, li jirriżulta fi dħul aktar baxx ta' EUR 4,5 biljun meta mqabbel mal-ABE 2/2024.

- Il-bażi totali tal-VAT mhux limitata tal-UE għall-2024 issa hija prevista li tkun EUR 7 864 305,3 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 0,6 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju 2023 ta' EUR 7 909 213,8 miljun. Il-bażi totali tal-VAT limitata tal-UE għall-2024[9] hija prevista li tkun EUR 7 820 900,1 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,6 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2023 ta' EUR 7 872 045,75 miljun.
- It-tbassir tal-PPW mhux riċiklat fl-UE jammonta għal 9 813 692,0 tunnellata fl-2024, li huwa żieda żgħira ta' 0,6 % meta mqabbel mat-tbassir ta' Mejju 2023 ta' 9 756 010,6 tunnellata. Il-kontribuzzjonijiet korrispondenti tal-Istati Membri li ġejjin mir-riżorsa proprja bbażata fuq il-PPW mhux irriċiklat huma ppreżentati fit-Tabella 3 tal-anness baġitarju mehmuż.
- Il-bażi totali tal-ING tal-UE għall-2024 hija prevista għal EUR 17 775 997,4 miljun, jiġifieri żieda żgħira ta' 0,3 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju 2023 ta' EUR 17 727 479,4 miljun.

Ir-rati tal-kambju tad-29 ta' Diċembru 2023 intużaw biex it-tbassir tal-bażijiet tal-VAT u l-ING jinqalbu mill-muniti nazzjonali għal EUR, għas-seba' Stati Membri li mhumiex membri fiż-żona tal-euro. Dan jevita d-distorsjonijiet billi din hija r-rata li tintuża sabiex il-pagamenti bbaġitjati tar-riżorsi proprji jinqalbu minn EUR għall-muniti nazzjonali meta dawn l-ammonti jinġabru, kif stipulat fl-Artikolu 10a(1) tar-Regolament tal-Kunsill 609/2014[10].

It-tbassir rivedut tar-RPT, tal-bażijiet tal-VAT mhux limitati, tal-bażijiet tal-PPW mhux irriċiklat u tal-bażijiet tal-ING għall-2024, kif adottati fil-191 laqgħa tal-KKRP, huma ppreżentati fit-tabella li ġejja:

[9] L-Artikolu 2(1), il-punt (b) tad-DRP 2020 jistipula li għal kull Stat Membru l-bażi tal-VAT ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ING. Għall-ABE 3/2023, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja u s-Slovenja se jkollhom il-bażi tal-VAT tagħhom limitata għal 50 % tal-ING.

[10] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2022/615 tal-5 ta' April 2022 (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 51).

Tbassir rivedut tal-bażijiet tar-RPT, tal-VAT, tal-PPW u tal-ING għall-2024

	Dwana (75 %)	Bażijiet tal-VAT mhux limitati	Bażijiet tal-PPW mhux irriċiklat	Bażijiet tal-ING	PAK Bażijiet tal-VAT[11]
	Miljun EUR		tunnellati	f'miljuni ta' EUR	
BE	2 168,7	241 457,3	192 903,3	617 576,6	241 457,3
BG	124,1	44 707,9	101 104,6	96 632,6	44 707,9
CZ	397,9	129 804,7	167 894,6	300 119,2	129 804,7
DK	351,2	150 389,9	169 703,7	402 684,8	150 389,9
DE	4 197,7	1 813 299,6	1 721 971,7	4 445 450,9	1 813 299,6
EE	32,9	19 429,8	26 082,5	37 984,4	18 992,2
IE	422,9	133 045,2	271 796,3	407 531,6	133 045,2
EL	215,2	100 779,3	202 001,5	228 947,6	100 779,3
ES	1 897,9	703 292,8	996 842,5	1 529 209,9	703 292,8
FR	1 896,1	1 431 209,9	1 873 074,6	2 967 744,6	1 431 209,9
HR	57,0	49 052,0	55 980,5	83 755,8	41 877,9
IT	2 126,6	977 799,4	1 190 583,1	2 153 932,9	977 799,4
CY	42,6	21 021,0	12 288,2	28 669,2	14 334,6
LV	43,6	18 999,3	30 044,2	41 764,1	18 999,3
LT	88,7	32 341,8	56 106,3	73 625,3	32 341,8
LU	14,1	42 032,4	13 482,3	54 191,3	27 095,65
HU	260,4	80 14,.4	289 422,3	203 919,5	80 142,4
MT	20,0	9 978,6	13 843,9	18 826,8	9 413,4
NL	3 178,3	489 144,3	294 135,6	1 075 690,3	489 144,3
AT	235,5	234 655,9	220 314,7	497 483,7	234 655,9
PL	968,1	413 390,4	729 965,8	811 633,1	405 816,55
PT	221,1	142 647,3	278 807,1	273 232,0	136 616,0
RO	242,9	125 907,6	405 789,6	343 656,2	125 907,6
SI	157,8	31 419,3	31 650,2	65 814,8	31 419,3
SK	105,7	51 311,1	50 246,8	127 477,7	51 311,1
FI	151,2	123 931,7	112 744,4	283 303,4	123 931,7
SE	500,8	253 114,4	304 911,7	605 139,1	253 114,4
UE	**20 119,0**	**7 864 305,3**	**9 813 692,0**	**17 775 997,4**	**7 820 900,1**

2.3 Kontribuzzjoni tar-Renju Unit

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għandha titħallas f'konformità mal-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ")[12] u tkopri b'mod partikolari s-

[11] L-ammonti mmarkati bil-griż jirriżultaw mill-bażijiet tal-VAT limitati, kif spjegat fin-nota 10 ta' qiegħ il-paġna aktar 'il fuq.

sehem tar-Renju Unit fl-impenji pendenti ta' qabel l-2021 li għandhom jitħallsu fl-2024 kif ukoll sehem ir-Renju Unit fl-obbligazzjonijiet tal-Unjoni (bħal pensjonijiet) u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti. Il-kontribuzzjoni kumplessiva tar-Renju Unit tinkludi wkoll l-ammonti dovuti lir-Renju Unit relatati mal-korrezzjonijiet tar-riżorsi proprji u l-aġġustamenti għas-snin finanzjarji sal-2021.

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit hija bbażata fuq is-sehem tar-Renju Unit[13], li huwa kkalkulat bħala l-proporzjon bejn ir-riżorsi proprji li saru disponibbli mir-Renju Unit fis-snin bejn l-2014 u l-2020 u r-riżorsi proprji li saru disponibbli matul dak il-perjodu mill-Istati Membri kollha u r-Renju Unit. Is-sehem tar-Renju Unit ġie aġġustat fl-2022 f'konformità mal-Artikolu 139 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Is-sehem definittiv tar-Renju Unit ġie stabbilit għal 12,431681219587700 %.

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-kontribuzzjoni aġġornata tar-Renju Unit għall-baġit tal-2024. Dan jinkludi l-elementi li r-Renju Unit diġà ħallas f'Jannar-Mejju 2024 bħala parti mill-fattura ta' Settembru 2023, l-elementi inklużi fil-fattura ta' April 2024, u stimi għall-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-fattura ta' Settembru 2024 li huma magħrufa f'dan l-istadju. L-aġġornament jirriżulta f'kontribuzzjoni tar-Renju Unit ferm aktar baxxa meta mqabbla mal-istima inkluża fil-baġit tal-2024, prinċipalment minħabba sottoimplimentazzjoni tar-RAL tal-Brexit fl-2023 u l-ammonti rrapportati ta' obbligazzjonijiet kontinġenti, korrezzjonijiet finanzjarji netti u multi. L-ammont rivedut tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit inkluż fl-ABE 4/2024 huwa kkalkulat billi jitqiesu l-modalitajiet ta' pagament stabbiliti fl-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għaldaqstant qed jiġi propost li l-istima introdotta fil-baġit tal-2024 tiġi aġġornata skont dan. B'mod ġenerali, dan se jnaqqas il-kontribuzzjoni stmata tar-Renju Unit għall-baġit tal-2024 b'EUR 1 519 miljun, li minnhom EUR 1 518 miljun huma dħul ġenerali.

Kontribuzzjoni aġġornata tar-Renju Unit fl-2024 (f'EUR)

	Referenza għall-Artikolu tal-Ftehim dwar il-Ħruġ	**2024**
Kontribuzzjoni totali tar-Renju Unit fl-2024, li minnha:		**2 383 779 493**
1. Impenji pendenti qabel l-2021 (inkluż korrezzjonijiet finanzjarji netti) - dovuti għal pagament fl-2023	Art. 140	3 752 776 625
2. Obbligazzjonijiet tal-Unjoni/pensjonijiet*	Art.142	309 083 761
3. Korrezzjonijiet u aġġustamenti tar-riżorsi proprji, li minnhom:		-1 327 709 221
3.1 Surplus/defiċit tal-2020	Art.136(3)(a)	*mhux applikabbli*
3.2 Aġġornamenti tal-korrezzjonijiet ta-Renju Unit (2018-2019)	Art.136	*mhux applikabbli*
3.3. VAT u ING	Art.136	*-1 408 455 094*
3.4. RPT	Art.136, Art. 140(4)	*80 745 873*
4. Multi	Art.141	-26 575 093
5. Obbligazzjonijiet kontinġenti, li minnhom:		-280 942 721
5.1 ELM, FEIS, EFSD, self (Fondi ta' garanzija)	Art.143	*-233 253 380*
5.2 Strumenti finanzjarji	Art.144	*-59 429 645*
5.3 Każijiet legali (inkluż multi)	Art.147	*11 740 305*
6. Assijiet netti tal-ECSC	l-Artikolu 145	-36 874 795
7. Investiment tal-FEI	Art.146	-6 648 463
8. Aċċess għan-networks/sistemi/bażijiet ta' *data***	Art.34(2), Art. 50 u 53, Art. 62(2), Art. 63(1)(e), Art. 63(2), Art.99(3), Art.100(2)	669 399
** - l-ammont ta' EUR 280 miljun se jiddaħħal fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat*		

[12] Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.01.2020, p. 7.

[13] Imsemmi fl-Artikolu 136(3), il-punti (a) u (c), u fl-Artikoli minn 140 sa 147 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

	Referenza għall-Artikolu tal-Ftehim dwar il-Ħruġ	2024
** - *għandu jiddaħħal fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat*		

2.4 Multi u pagamenti ta' penali

Meta wieħed iqis il-multi u l-pagamenti ta' penali msarrfa mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju 2024, qed jiġi propost li jiddaħħlu l-ammonti li ġejjin fil-baġit tal-2024:

a) EUR 257 miljun ta' multi tal-kompetizzjoni.
b) EUR 341 miljun ta' pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stati Membri li ma osservawx is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar in-nuqqas tagħhom li jissodisfaw obbligu skont it-Trattati.
c) EUR 10 miljun ta' mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali.
d) EUR 6 miljun ta' multi u pagamenti ta' penali mhux assenjati oħrajn, prinċipalment għal primjums għall-eċċess ta' emissjonijiet.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 141 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit huwa intitolat li jirċievi s-sehem tiegħu fuq ammont ta' EUR 49 miljun, inkluż fil-lista ta' hawn fuq taħt l-entrati a) u c).

Għaldaqstant huwa propost li t-tbassir inizjali introdott fil-baġit tal-2024 ta' EUR 101 miljun jiżdied b'EUR 513 miljun u b'hekk jammonta għal total ta' EUR 614 miljun.

Fit-tabella ta' hawn taħt hemm id-dettalji għal kull linja baġitarja.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Baġit 2024	ABE 4/2024	Ammont ġdid
4 2 0	Multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni	100 000 000	157 464 207	257 464 207
4 2 1	Pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stat Membru	p.m.	340 653 167	340 653 167
4 2 4	Mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali	1 000 000	8 802 092	9 802 092
4 2 9	Multi u pagamenti ta' penali mhux assenjati oħrajn	p.m.	6 400 685	6 400 685
Total		**101 000 000**	**513 320 151**	**614 320 151**

2.5 Impatt fuq il-kontribuzzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-2024

Meta jitqies it-tbassir rivedut għar-RPT, għall-bażi tal-VAT simplifikata u għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-PPW mhux irriċiklat, l-ammont ta' riżorsi proprji għajr l-ING naqas b'EUR 4 608 680 934. Flimkien mat-tnaqqis ta' dħul ieħor b'EUR 1 004 386 580 (bħala l-effett ikkombinat taż-żieda fid-dħul mill-multi b'EUR 513 miljun u t-tnaqqis tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit b'EUR 1 518 million) u ż-żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 12 029 834, dan iżid il-kontribuzzjoni tal-ING b'EUR 5 625 097 348 meta mqabbla mal-ABE 2/2024.

Sabiex jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekwilibriju applikabbli għall-baġit tal-Unjoni Ewropea minqux fl-Artikolu 310(1) TFUE, ir-rata uniformi li għandha tiġi applikata għas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha trid tiġi kkalkulata mill-ġdid filwaqt li jitqies id-dħul l-ieħor kollu.

Ir-rata uniformi kkalkulata mill-ġdid għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING hija ffissata kif ġej:

Rata uniformi li għandha tiġi applikata fuq 1 % tal-ING = (nefqa totali – dħul ieħor – ammont nett totali tar-RPT – riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT – kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-PPW mhux irriċiklat) / 1 % tal-ING

Rata uniformi:

= (146 789 504 431 – 5 759 356 982 – 20 119 010 896 – 23 462 700 300 – 7 139 700 400) / 177 759 974 000

= 0,508037517225334

Il-kontribuzzjonijiet riveduti tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING meta titqies ir-rata uniformi l-ġdida huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Sena bażi tar-riżorsi proprji 2024 (f'EUR)

Stat Membru	1 % tal-bażi tal-ING użata għall-ABE 2/2024	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f'%) skont l-ABE 2/2024	1 % tal-bażi tal-ING (Tbassir tal-KKRP approvat)	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f'%) skont l-ABE 4/2024	Differenza fl-ING
	(1)	(2)	(3)	(4)	(5) = (3 x 4) - (1 x 2)
BE	6 053 077 000		6 175 766 000		245 984 060
BG	986 492 000		966 326 000		19 685 586
CZ	3 303 904 000		3 001 192 000		- 53 546 920
DK	4 024 834 000		4 026 848 000		123 138 705
DE	44 177 819 000		44 454 509 000		1 480 946 473
EE	411 271 000		379 844 000		- 3 487 923
IE	4 306 468 000		4 075 316 000		13 226 549
EL	2 337 353 000		2 289 476 000		46 593 171
ES	14 907 594 000		15 292 099 000		647 646 974
FR	30 027 033 000		29 677 446 000		733 432 191
HR	775 338 000		837 558 000		55 134 245
IT	21 373 179 000		21 539 329 000		732 883 590
CY	282 122 000		286 692 000		10 881 457
LV	450 918 000	0,4776970	417 641 000	0,5080375	- 3 224 882
LT	764 050 000		736 253 000		9 059 748
LU	583 760 000		541 913 000		- 3 548 270
HU	2 122 059 000		2 039 195 000		22 286 332
MT	179 697 000		188 268 000		9 806 488
NL	10 430 238 000		10 756 903 000		482 416 818
AT	5 082 933 000		4 974 837 000		99 301 957
PL	7 884 404 000		8 116 331 000		357 044 457

PT	2 651 464 000		2 732 320 000		121 524 652
RO	3 485 670 000		3 436 562 000		80 808 300
SI	676 624 000		658 148 000		11 142 616
SK	1 279 109 000		1 274 777 000		36 608 001
FI	2 886 018 000		2 833 034 000		60 645 399
SE	5 831 366 000		6 051 391 000		288 707 574
Total	**177 274 794 000**		**177 759 974 000**		**5 625 097 348**

3. AĠĠORNAMENT TA' ELEMENTI TAN-NEFQA

3.1 Rinforz tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)

Wara l-adozzjoni tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika u d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Legali (LFS)[14], ġew allokati kompiti ġodda lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), li jirrikjedu r-reklutaġġ ta' aġent temporanju addizzjonali wieħed u esperti nazzjonali sekondat addizzjonali wieħed, li rriżultaw f'żieda ġenerali tan-nefqa relatata tal-persunal ta' of EUR 0,139 miljun fl-2024. Iż-żieda tal-kontribuzzjoni tal-UE lill-ENISA hija newtrali għall-baġit, peress li l-kost addizzjonali se jiġi ffinanzjat bi tnaqqis tal-istess ammont tan-nefqa fuq il-linja baġitarja 02 01 30 01 tal-Programm Ewropa Diġitali.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
02 10 04	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà	139 000	139 000
02 01 30 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Programm Ewropa Diġitali	-139 000	-139 000
Total		**0**	**0**

3.2 It-tisħiħ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)

Bir-reviżjoni tal-LFS għad-Disinn il-ġdid tas-Suq tal-Elettriku[15], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tieħu f'idejha attivitajiet addizzjonali, li għalihom huwa meħtieġ persunal addizzjonali (ħdax-il aġent temporanju u erba'' aġenti kuntrattwali), li jirriżultaw f'żieda ġenerali fin-nefqa tal-persunal ta' EUR 3,34 miljun. Il-baġit tal-2024 diġà jinkludi erba' postijiet ta' aġenti temporanji għal dan il-għan, filwaqt li seba' aġenti temporanji oħra u erba' aġenti kuntrattwali huma inklużi f'dan l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju. Bl-istess mod, fir-rigward tan-nefqa relatata, ammont ta' EUR 684 000 kien diġà inkluż fil-baġit tal-2024, filwaqt li ammont ieħor ta' EUR 2,656 miljun huwa propost li jsir disponibbli permezz ta' dan l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
02 10 06	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija	2 656 000	2 656 000
Total		**2 656 000**	**2 656 000**

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

[14] COM(2022)454; Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020

[15] COM (2023)148: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni

3.3 Tnaqqis fil-persunal u fil-kontribuzzjoni tal-UE lill-Awtorità Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)

In-negozjati dwar l-istabbiliment tal-Awtorità l-ġdida Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) ħadu aktar żmien milli kien ippjanat inizjalment u għalhekk l-istabbiliment tal-aġenzija se jibda jseħħ biss fl-2024. Konsegwentement, il-LFS korrispondenti ġie rivedut, li wassal għal tnaqqis fl-għadd tal-persunal fl-2024 għal tmien karigi fil-pjan ta' stabbiliment (jiġifieri tnaqqis b'total ta' 27 kariga fil-pjan ta' stabbiliment għall-2024), disa' aġenti kuntrattwali u żewġ esperti nazzjonali sekondati. Konsegwentement, qed jiġi propost ukoll li jitnaqqas l-ammont ta' approprjazzjonijiet meħtieġa fl-2024 b'EUR 3,812 miljun mir-riżerva (it-titolu "provvedimenti") fejn EUR 5 107 785 huma iskritti skont l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju. Dan huwa pjuttost posponiment meta mqabbel mal-LFS oriġinali. Għaldaqstant, il-marġini fl-intestatura 1 ser jiżdied b'mod korrispondenti.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 03 10 05)	- 3 812 166	-3 812 166
Total		**- 3 812 166**	**-3 812 166**

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

3.4 Internalizzazzjoni ta' karigi kritiċi sensittivi fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)

Sabiex jiġi żgurat li l-kompiti kritiċi tal-inġinerija relatati mas-sigurtà jitwettqu minn persunal intern, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) teħtieġ tliet karigi ta' aġenti temporanji u żewġ aġenti kuntrattwali biex tinternalizza l-aktar posts kritiċi fl-2024. Qed jiġi propost li l-finanzjament ta' EUR 0,3 miljun meħtieġ għal dawn il-pożizzjonijiet jiġi kkumpensat bi tnaqqis korrispondenti fil-pakkett tal-Programm Spazjali. Tiswiħ simili huwa propost ukoll fl-Abbozz tal-Baġit għall-2025.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
04 10 01	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)	308 000	308 000
04 02 01	Galileo / EGNOS	-308 000	-308 000
Total		**0**	**0**

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

3.5 Żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)

Bħala konsegwenza tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, f'Jannar 2 020 l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) ġiet rilokata minn Londra għal Amsterdam. Sussegwentement, il-bini li ospita l-kwartieri ġenerali tal-EMA f'Londra ġie sottomikri lill-kumpanija WeWork. Wara d-diffikultajiet finanzjarji esperjenzati minn WeWork u n-negozjar mill-ġdid reċenti tal-kuntratt tal-kiri, il-kontribuzzjoni tal-ibbilanċjar tal-UE lill-EMA jeħtieġ li tiżdied biex tkopri t-tnaqqis tad-dħul li għandu jiġi riċevut mill-kera tal-bini.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
06 10 03 01	Aġenzija Ewropea għall-Medicini (EMA)	11 186 000	11 186 000
Total		**11 186 000**	**11 186 000**

3.6 Żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija tal-unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)

Matul dawn l-aħħar snin, in-nefqa tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) kienet taħt pressjoni partikolari minħabba inflazzjoni qawwija, li kellha impatt dirett notevoli fuq in-nefqa fuq is-salarji kif ukoll fuq il-kostijiet tal-bini u tal-manutenzjoni. Sabiex l-Eurojust tkun tista' tkompli tiffinanzja n-nefqa operazzjonali tagħha, il-Kummissjoni għamlet disponibbli ammont ta' EUR 2.46 miljun għall-aġenzija matul l-2023, filwaqt li l-Abbozz tal-Baġit 2025 fih ammont addizzjonali ta' EUR 2 miljun għal dan l-għan. Għas-sena 2024, huwa propost li tissaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-UE lill-Eurojust b'ammont ta' EUR 2 miljun, sabiex il-baġit tal-aġenzija jinżamm stabbli.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
07 10 07	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali	2 000 000	2 000 000
Total		**2 000 000**	**2 000 000**

3.7 Tisħiħ tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("EU-LISA")

Għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi fil-kuntest tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil wessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (EU-LISA). Dan jeħtieġ tisħiħ xieraq tal-persunal allokat għall-attivitajiet il-ġodda u żieda fin-nefqa relatata. Dan jikkonċerna b'mod partikolari:

- Ir-raggruppament tal-attivitajiet relatati mal-Bażi tad-*Data* Ewropea tad-Dattiloskopija tal-Asil (EURODAC)[16] inkluż fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil fl-EU-LISA jeħtieġ tmien aġenti temporanji addizzjonali u seba' aġenti kuntrattwali u żieda relatata ta' EUR 13,685 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 1,045 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Din iż-żieda hija proposta li tiġi kkumpensata bis-sħiħ minn tnaqqis tal-approprjazzjonijiet fil-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) (40 % jew EUR 5,474 miljun f'impenji u EUR 0,42 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament) u fl-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI) (60 % jew EUR 8,211 miljun f'impenji u EUR 0,63 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament), li għalhekk huwa newtrali

[16] Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' *data* bijometrika sabiex jiġu applikati b'mod effettiv ir-Regolamenti (UE) 2024/1351 u (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1358, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1358/oj).

għall-baġit. Iż-żieda fil-persunal (karigi fil-pjan ta' stabbiliment + aġenti kuntrattwali) fl-eu-LISA se tkun parzjalment paċuta kontra l-Frontex, f'konformità mad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva għall-EURODAC.

- L-LFS kien relatat mal-Iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni inklużi fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[17], li jirrikjedi ħames aġenti temporanji addizzjonali u żewġ aġenti kuntrattwali. Il-kostijiet relatati ta' EUR 10,494 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 0,884 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament huma proposti li jiġu kkumpensati mill-BMVI.

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
11 10 02	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	24 179 000	1 929 000
10 02 01	Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)	-5 474 000	-418 000
11 02 01	Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI)	-18 705 000	-1 511 000
Total		**0**	**0**

4. FINANZJAMENT

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE 4/2024 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 12,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. In-naħa tad-dħul tal-baġit hija proposta li tiġi aġġustata kif stabbilit f'dan l-ABE 4/2024.

Minħabba n-nuqqas ta' marġini u spazju għar-riallokazzjoni taħt is-subintestatura 2b, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Istrument ta' Flessibbiltà skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093[18] f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal ammont ta' EUR 13,2 miljun għall-intestatura 2b Reżiljenza u Valuri biex iżżid il-kontribuzzjoni tal-UE lill-EMA u lill-Eurojust.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-2024 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fis-snin 2021 sa 2024 huma stmati għal EUR 1 751,2 miljun. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

Strumenti ta' Flessibbiltà - profil ta' pagament (f'miljuni ta' EUR)					
Sena ta' mobilizzazzjoni	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**Total**
2021	7,6	0,0	0,0	0,0	**7,6**
2022	49,8	36,7	0,0	0,0	**86,5**
2023	279,0	120,6	83,2	0,0	**482,8**
2024	1 414,7	107,6	83,7	46,3	**1 652,3**
2025	0,0	1 192,8	0,0	0,0	**1 192,8**
Total	**1 751,2**	**1 457,8**	**166,9**	**46,3**	**3 422,1**

[17] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L, 2024/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11-22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

		Baġit 2024 (inkl. BA 1-2/2024, ABE 2/2024)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju 4/2024		Baġit 2024 (inkl. BA 1-2/2024, ABE 2/2024, ABE 4/2024)	
		AI	**AP**	**AI**	**AP**	**AI**	**AP**
1	**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**	**21 493 372 987**	**20 827 967 003**	**-1 156 166**	**-1 156 166**	**21 492 216 821**	**20 826 810 837**
	Limitu	*21 598 000 000*				*21 598 000 000*	
	Marġni	*104 627 013*		*1 156 166*		*105 783 179*	
2	**Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri**	**74 564 290 949**	**33 719 596 204**	**13 186 000**	**13 186 000**	**74 577 476 949**	**33 732 782 204**
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*1 293 095 333*		*13 186 000*		*1 306 281 333*	
	Limitu	*73 289 000 000*				*73 289 000 000*	
	Marġni	*17 804 384*				*17 804 384*	
2a.	Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	64 665 195 616	24 155 654 152			64 665 195 616	24 155 654 152
	Limitu	*64 683 000 000*				*64 683 000 000*	
	Marġni	*17 804 384*				*17 804 384*	
2b.	Reżiljenza u valuri	9 899 095 333	9 563 942 052	13 186 000	13 186 000	9 912 281 333	9 577 128 052
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*1 293 095 333*		*13 186 000*		*1 306 281 333*	
	Limitu	*8 606 000 000*				*8 606 000 000*	
	Marġni						
3	**Riżorsi Naturali u Ambjent**	**57 338 630 839**	**54 151 402 941**			**57 338 630 839**	**54 151 402 941**
	Limitu	*57 449 000 000*				*57 449 000 000*	
	Marġni	*110 369 161*				*110 369 161*	
	Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	**40 517 278 000**	**40 505 482 213**			**40 517 278 000**	**40 505 482 213**
	Sublimitu massimu tal-FAEG	*41 649 000 000*				*41 649 000 000*	
	Differenza dovuta għall-ittondjar eskluża mill-kalkolu tas-submarġni	*722 000*				*722 000*	
	Trasferimenti netti bejn il-FAEG u l-FAEŻR	*-1 046 000 000*				*-1 046 000 000*	
	Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sublimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)	*40 603 000 000*				*40 603 000 000*	
	Submarġni tal-FAEG	*85 722 000*				*85 722 000*	
4	**Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri**	**3 892 705 671**	**3 248 967 443**			**3 892 705 671**	**3 248 967 443**
	Limitu	*4 020 000 000*				*4 020 000 000*	

	Marġni	*127 294 329*				*127 294 329*	
5	**Sigurtà u Difiża**	**2 697 177 926**	**2 035 413 531**			**2 697 177 926**	**2 035 413 531**
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*317 177 926*				*317 177 926*	
	Limitu	*2 380 000 000*				*2 380 000 000*	
	Marġni						
6	**Vičinat u d-Dinja**	**16 731 000 000**	**15 315 050 313**			**16 731 000 000**	**15 315 050 313**
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*28 828 204*				*28 828 204*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)	*371 171 796*				*371 171 796*	
	Limitu	*16 331 000 000*				*16 331 000 000*	
	Marġni						
7	**Amministrazzjoni Pubblika Ewropea**	**11 988 000 603**	**11 988 000 603**			**11 988 000 603**	**11 988 000 603**
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)	*215 000 603*				*215 000 603*	
	Limitu	*11 773 000 000*				*11 773 000 000*	
	Marġni						
	li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	**9 175 375 841**	**9 175 375 841**			**9 175 375 841**	**9 175 375 841**
	Sublimitu	*9 006 000 000*				*9 006 000 000*	
	Submarġni						
	Approprjazzjonijiet għall-intestaturi	**188 705 178 975**	**141 286 398 038**	**12 029 834**	**12 029 834**	**188 717 208 809**	**141 298 427 872**
	Limitu	***186 840 000 000***	***170 543 000 000***			***186 840 000 000***	***170 543 000 000***
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	***1 639 101 463***	***1 737 992 297***	***13 186 000***	***13 186 000***	***1 652 287 463***	***1 751 178 297***
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)	***586 172 399***				***586 172 399***	
	Marġni	***360 094 887***	***30 994 594 259***	***1 156 166***	***1 156 166***	***361 251 053***	***30 995 750 425***
	Strumenti speċjali tematiċi	**6 517 600 432**	**5 491 076 559**			**6 517 600 432**	**5 491 076 559**
	Approprjazzjonijiet totali	**195 222 779 407**	**146 777 474 597**	**12 029 834**	**12 029 834**	**195 234 809 241**	**146 789 504 431**